



PARLAMENT EWROPEW

2009 - 2014

Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

2011/2048(INI)

19.7.2011

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

għall-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur

dwar il-modernizzazzjoni tal-akkwist pubbliku
(2011/2048(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Konrad Szymański

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija jistieden lill-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

- A. billi suq tal-akkwist pubbliku li jopera tajjeb hu ta' importanza essenzjali sabiex jitrawwem is-Suq Uniku, tkun stimolata l-innovazzjoni, ikun promoss livell oġġla ta' protezzjoni ambjentali u tal-klima kif ukoll l-inklużjoni soċjali fl-UE u jinkiseb valur ottimu għall-awtoritajiet pubbliċi, iċ-ċittadini u dawk li jħallsu t-taxxi,
1. Jappella lill-Kummissjoni tippreżenta rieżami profond u bir-reqqa tad-direttivi tal-akkwist pubbliku eżistenti, li għandhom jissimplifikaw il-proċeduri, iżidu l-flessibbiltà, it-trasparenza u ċ-ċertezza legali għall-partijiet kollha tal-akkwist, u jnaqqsu l-iżbalji fit-traspożizzjoni tal-liġi tal-UE fil-liġi nazzjonali kif ukoll ir-riskju ta' prassi tal-kummerċ inġusti; id-direttiva għandha għalhekk tevita riformi frekwenti fil-futur, peress li huma r-raġuni prinċipali għaliex il-partiċipanti jkollhom jaffrontaw spejjeż għoljin u piżijiet amministrattivi, li b'mod sinifikanti u sproporzjonali jillimitaw l-aċċess tal-SMEs għall-kuntratti pubbliċi;
 2. Jitlob li l-akkwist pubbliku jkollu l-għeruh tiegħu fil-prinċipju "aħseb fiż-żgħir l-ewwel", u jappella lill-Istati Membri jimplementaw bis-sħiħ il-Kodiċi Ewropew tal-Aħjar Prassi li Tiffaċilita l-Aċċess tal-SMEs għall-Kuntratti tal-Akkwist Pubbliku; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li l-proċeduri ta' simplifikazzjoni huma kruċjali għall-ksib ta' dak l-għan; jistieden ukoll lill-Kummissjoni takkumpanja leġiżlazzjoni rieżaminata ma' inizjattivi mhux leġiżlattivi bħal pjattaforma għall-iskambju tal-aħjar prattika bejn l-Istati Membri, peress li xi wħud minnhom diġà japplikaw il-proċeduri tal-akkwist li jiżguraw l-użu effikaċi tal-flus ta' dawk li jħallsu t-taxxa;
 3. Jinnota li l-oġġettiv ta' dan ir-rieżami għandu jkun ir-ritorn għall-iskop oriġinali tal-akkwist pubbliku, jiġifieri li jiġi żgurat l-użu effikaċi tal-fondi mill-Istati Membri u l-kompetizzjoni fis-suq, sabiex jinkisbu l-aħjar riżultati; jemmen li għandhom jiġu applikati kriterji li huma aktar ċari, aktar issimplifikati u aktar flessibbli u trasparenti, sabiex l-SMEs jitħeġġu jipparteċipaw fl-akkwist pubbliku; barra minn hekk, jistieden lill-Kummissjoni tesplora l-għażliet għat-tisħiħ tad-djalogu bejn ix-xerrejja pubbliċi u dawk li jistgħu jitfgħu offerta, biex b'hekk issir din il-parti tal-proċess tal-akkwist;
 4. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni tagħti prijorità lit-tnaqqis tal-burokrazija u s-simplifikazzjoni tal-proċeduri differenti għall-akkwist pubbliku kemm f'termini tat-tnaqqis tan-numru globali tal-proċeduri kif ukoll tas-simplifikazzjoni tal-proċessi involuti fil-proċeduri kkonċernati; jemmen li kompetizzjonijiet miftuħa għandhom jibqgħu jkun s-sinsla tal-akkwist pubbliku iżda għandhom jiġu ssimplifikati b'mod partikolari permezz ta' livell oġġla ta' kriterji għall-għoti bbażati fuq il-funzjonalità minflok speċifikazzjonijiet tekniċi ddettaljati żżejjed biex b'hekk jitħalla f'idejn il-fornituri potenzjali biex jiddefinixxu l-metodi, il-materjal, it-teknoloġiji eċċ, speċifiċi li għandhom jintużaw; barra minn hekk, jemmen li l-piżijiet amministrattivi jistgħu jitnaqqsu permezz ta' livell oġġla ta' valutazzjoni simultanja tal-kriterji għall-għażla u l-għoti u permezz tal-flessibbiltà f'każijiet fejn hemm nuqqas ta' konformità ma' rekwiżiti dwar il-format, pereżempju dawk

li jagħmlu offerta jitħallew jippreżentaw l-formoli li jonqsu f'data aktar tard; jinnota li, b'mod partikolari, hemm nuqqas ta' flessibbiltà fir-rigward tal-SMEs, li qed jiġu skwalifikati minħabba żbalji ta' proċedura żgħar u mhux intenzjonali;

5. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji inkluża l-introduzzjoni ta' dispożizzjonijiet speċifiċi fid-direttiva tal-akkwist, biex jiġi żgurat li minn tal-anqas 50% tal-operazzjonijiet tal-akkwist pubbliku kemm tal-istituzzjonijiet tal-UE kif ukoll tal-Istati Membri jsiru b'mod elettroniku, b'konformità mal-impenn tal-gvernijiet tal-Istati Membri waqt il-konferenza ministerjali dwar gvern elettroniku li saret fl-2005, f'Manchester;
6. Jilqa' l-użu tal-akkwist elettroniku, li se jkollu rwol pożittiv fit-tnaqqis tal-ispejjeż u fiż-żieda tal-aċċessibbiltà tal-proċeduri tal-akkwist; għalhekk jitlob, li kwalunkwe proposti leġiżlattivi jespandu u jissimplifikaw l-użu tal-akkwist elettroniku li se jiġi integrat fir-rieżami ppjanat tad-direttivi prinċipali tal-akkwist pubbliku; jenfasizza l-importanza ta' standards miftuħin u n-newtralità tat-teknoloġija sabiex tiġi żgurata l-interoperabbiltà ta' sistemi differenti u tiġi evitata l-esklussività tal-bejjieġh; jistieden lill-Kummissjoni tassigura interoperabbiltà reali bejn il-pjattaformi differenti għall-akkwist elettroniku diġà fis-seħħ fl-Istati Membri;
7. Jinnota li l-biċċa l-kbira tal-kuntratti pubbliċi jingħataw lill-kumpaniji mill-istess Stati Membri u jitlob għall-istabbiliment ta' suq tal-akkwist pubbliku, verament tal-UE;
8. Barra minn hekk, iħeġġeġ lill-Kummissjoni twettaq taħriġ fis-27 Stat Membru biex tevalwa r-rata ta' offerti transkonfinali bl-għan li tevalwa l-pertinenza tal-limiti attwali u potenzjalment tgħolli l-limiti biex l-offerti transkonfinali jsiru aktar attraenti;
9. Jirrikonoxxi li d-distinzjoni attwali bejn servizzi "A" u "B" skadiet peress li ċerti servizzi B huma ċertament ta' interess transkonfinali, pereżempju l-ilma u t-trasport bil-ferrovija, ir-reklutaġġ u s-servizzi ta' sigurtà; għalhekk, jistieden lill-Kummissjoni, teżamina mill-ġdid l-annessi għad-direttivi bħala parti mir-riforma tagħha tar-regoli tal-akkwist pubbliku; madanakollu, jemmen li s-servizzi soċjali tal-qalba għandhom jiġu kategorizzati bħala servizz "B", u jkunu eżenti mir-regoli tal-UE dwar l-akkwist pubbliku;
10. Jenfasizza li l-akkwist pubbliku għandu jkollu rwol ewlieni bħala mutur tal-innovazzjoni, b'mod partikolari fil-qasam tal-effiċjenza tal-enerġija u f'oqsma oħra identifikati fl-istrateġija UE 2020, u li jista' jstimula s-suq għal prodotti u servizzi sostenibbli; isostni l-passi li ttieħdu biex jiġi żgurat li dawn il-fatturi ġew ikkunsidrati mill-awtoritajiet pubbliċi fil-kriterji tagħhom għall-għoti tal-kuntratti; jenfasizza, madankollu, li huwa importanti li l-ispejjeż amministrattivi żejda li dan jista' jimponi fuq in-negozji u l-awtoritajiet pubbliċi għandhom jibqgħu jiġu monitorjati, u għandhom jiġu preċeduti minn valutazzjonijiet tal-impatt tajbin, kif ukoll minn testijiet individwali tal-SMEs, biex tiġi evitata l-burokrazija żejda;
11. Jinnota li l-introduzzjoni ta' rekwiżiti mandatorji għall-innovazzjoni jew speċifikazzjonijiet tekniċi dettaljati wisq rigward, pereżempju, ir-rendiment tal-enerġija tas-suġġett ta' kuntratt pubbliku tissugra li tnaqqas il-kompetizzjoni u l-għażliet tal-awtoritajiet kontraenti;

12. Japprova l-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tal-4 ta' Frar 2011 u jitlob lill-Istati Membri jinkludu l-istandards tal-effiċjenza tal-enerġija fl-akkwist pubbliku mill-1 ta' Jannar 2012, jirrikonoxxi li l-ispiża tal-bidu ta' prodotti jew servizzi sostenibbli u li jużaw l-enerġija b'mod effiċjenti tista' inizjalment tidher li tmur kontra r-regoli attwali tal-akkwist pubbliku dwar il-kriterju għall-użu "tal-aktar prezz ekonomiku" fl-għoti tal-kuntratti, iżda jenfasizza li din hija bbilanċjata minħabba spejjeż ta' tħaddim u manteniment jew rimi, aktar baxxi; jirrakkomanda l-applikazzjoni tal-prinċipju "ekonomikament l-aktar favorevoli", li jinkludi mhux biss il-prezz iżda wkoll aspetti tal-kwalità u spejjeż taċ-ċiklu tal-ħajja, sabiex jitrawmu soluzzjonijiet aktar innovattivi;
13. Jemmen li leġiżlazzjoni futura tal-UE dwar l-akkwist pubbliku għandha ssaħħaħ dispożizzjonijiet eżistenti li jeħtieġu l-użu obbligatorju tal-effiċjenza enerġetika meta jkunu qed jingħata kuntratt pubbliku, mingħajr ma jkunu mfixkla r-regoli tal-kompetizzjoni ħielsa; jinsisti li tali approċċ se jstimula l-innovazzjoni u d-diversifikazzjoni tal-provvista;
14. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi kriterji tal-effiċjenza enerġetika ċari fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi tal-akkwist pubbliku;
15. Jinnota li kwalunkwe "teknoloġija aqwa disponibbli" (BAT) u rekwiżiti dwar l-effiċjenza tal-enerġija għandhom ikunu soġġetti għal analiżi tal-ispiża/benefiċċju bbażata fuq id-deprezzament;
16. Jistieden lill-Kummissjoni tistabbilixxi regoli, ibbażati fuq l-aħjar prattika, fejn awtoritajiet kuntrattwali jistgħu jqabblu t-total tal-ispejjeż mal-potenzjal għall-iffrankar tal-enerġija ta' prodott jew servizz partikolari, jiġifieri bl-applikazzjoni tal-approċċ "tal-ispejjeż tul iċ-ċiklu tal-ħajja" meta jkunu qegħdin jagħżlu l-offerta l-aktar favorevoli ekonomikament; għalhekk, jirrakkomanda li l-Kummissjoni għandha ssegwi l-mudell tad-Direttiva 2009/33/KE dwar il-promozzjoni ta' vetturi tat-trasport fuq it-toroq favur l-ambjent u effiċjenti fl-użu tal-enerġija, li permezz tiegħu l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu jużaw ukoll, bħala kriterju għall-valutazzjoni fi proċeduri tal-akkwist pubbliku, l-ispiża totali ġġenerata mill-użu tal-vetturi matul perjodu normali ta' użu, u mhux biss il-prezz oriġinali tagħhom;
17. Jilqa' l-inizjattiva ta' xi Stati Membri li ssostni l-innovazzjoni permezz tal-akkwist prekommerċjali, fejn jingħataw kuntratti għall-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' problemi speċifiċi identifikati mis-servizzi pubbliċi; jinnota li rekwiżiti u preskrizzjonijiet tekniċi eċċessivi fil-proċess tal-akkwist pubbliku jistgħu jipproduċu amministazzjoni eċċessiva, li xxekkel l-innovazzjoni; jemmen li l-akkwist pubbliku għandu minflok jiffoka fuq il-funzjoni u r-riżultati finali;
18. Jenfasizza l-fatt li l-kwistjoni speċifika tas-salvagwardja tat-trattament ugwali u l-kompetizzjoni ġusta fis-swieq tal-akkwist pubbliku fl-UE u f'pajjiżi terzi teħtieġ aktar attenzjoni politika, speċjalment fid-dawl tal-problemi attwali marbuta mal-aċċess għas-swieq tas-settur pubbliku f'pajjiżi terzi, il-progress kajman fin-negozjati dwar ir-rieżami tal-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliċi (GPA) tad-WTO u r-riluttanza ċara ta' bosta pajjiżi terzi li jingħaqdu mal-GPA.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data tal-adozzjoni	12.7.2011
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 47 -: 0 0: 2
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Jean-Pierre Audy, Zigmantas Balčytis, Ivo Belet, Bendt Bendtsen, Jan Březina, Maria Da Graça Carvalho, Giles Chichester, Lena Ek, Ioan Enciu, Vicky Ford, Gaston Franco, Adam Gierek, Norbert Glante, Fiona Hall, Romana Jordan Cizelj, Krišjānis Kariņš, Lena Kolarska-Bobińska, Philippe Lamberts, Bogdan Kazimierz Marcinkiewicz, Marisa Matias, Jaroslav Paška, Miloslav Ransdorf, Vladimír Remek, Herbert Reul, Teresa Riera Madurell, Michèle Rivasi, Jens Rohde, Paul Rübig, Francisco Sosa Wagner, Konrad Szymański, Britta Thomsen, Patrizia Toia, Evžen Tošenovský, Ioannis A. Tsoukalas, Claude Turmes, Vladimir Urutchev, Kathleen Van Brempt, Alejo Vidal-Quadras, Henri Weber
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Antonio Cancian, Rachida Dati, Francesco De Angelis, Françoise Grossetête, Cristina Gutiérrez-Cortines, Jolanta Emilia Hibner, Holger Kraemer, Bernd Lange, Mario Pirillo, Silvia-Adriana Ţicău